**21 ta' Ottubru, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Antonia Borg pro. et noe.

*versus*

Avukat Dr. Ronald Conti et noe.

**Separazzjoni personali — Ħtijiet reċiproċi — alimenti — Art. 56, 58 u 60, Kodiċi Ċivili.**

*Meta t-talba għas-separazzjoni personali magħmula mill-mara tiġi milqugħa, iżda għal ħtijiet reċiproċi, ir-raġel jibqa' tenut iħallas l-alimenti lil martu.*

*Il-fatt illi r-raġel m'għandux mezzi u mhux qed jaħdem m'hix raġuni illi huwa jista' jġib 'il quddiem sabiex jiġi eżonerat mill-ħlas ta' l-alimenti lil martu, anke jekk dina tkun taħdem u taqla' biex tgħix.*

*L-applikazzjoni tas-sanzjonijiet u tad-dekadenzi kontemplati fl-*

*artikoli 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, jekk jirriżulta illi l-wieħed u l-oħra mill-partijiet ikunu ħatja ta' għemil li jagħti lok għall-firda.*

*Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi* — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni; billi l-imsemmi Borg irrenda ruħu ħati lejn l-attriċi ta' adulterju, sevizji, minaċċi u inġurja gravi kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża — talbu illi din il-Qorti (1) tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-attriċi u żewġha għall-ħtijiet tal-konvenut, b'mod li l-attriċi tkun awtorizzata tgħix separatament minnu, u tagħmel l-attijiet kollha tal-ħajja ċivili mingħajr l-intervent u l-kunsens tal-konvenut; (2) tikkundanna lill-konvenuti nomine jħallsu lill-attriċi dik ir-retta alimentarja li tiġi stabbilita minn din il-Qorti fil-modalità u l-lok li tiffissa għaliha u għaż-żewġ ulieda minuri Vincent u Carmelo aħwa Borg; (3) tafda l-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija minuri f'idejn l-attriċi; (4) tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti; (5) tikkundanna lill-konvenuti nomine jirrestitwixxu lill-attriċi l-oġġetti kollha dotali u ħwejjeġ oħra tagħha skond il-liġi u, in difett, il-valurt tagħhom; *(6) tiddikjara lill-konvenuti nomine dekaduti għat-*termini ta' l-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu applikabbli, bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-proċedura quddiem il-Qorti Ċivili Sekond'Awla kontra l-konvenuti;

*Omissis.*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li qal li l-attriċi, martu, qegħda tgħix f'konkubinat minn żmien twil u llum tinsab b'disa' xhur ta' gravidanza minn dan ir-raġel u li l-esponent qiegħed jistitwixxi proċedura fis-Sekond'Awla biex jottjeni separazzjoni mill-attriċi.

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li fil-kawża xehdu l-attriċi u Rosina Falzon biss, il-konvenut, għalkemm kellu diversi okkażjonijiet jixhed meta kien Malta, sal-lum għadu ma tax id-depożizzjoni tiegħu, anzi jirriżulta li ma tantx għandu interess fl-esitu tal-kawża, għaliex ma marx ifittex l-avukat tiegħu (fol. 55( u mir-riferta tal-11 ta' April, 1964, jirriżulta li huwa reġa' jinsab imsiefer, mingħajr ma ħalla ebda prokuratur li jista' jidher għalih fil-kawża.

Li huwa xieraq li l-Qorti tirrileva, a scanso ta' eventwali malintesi, li r-riappuntament tal-kawża, wara li kienet ġiet imħollija "sine die" ma ġiex notifikat lill-konvenut għaliex kien imsiefer, mentri jirriżulta li ġie notifikat lil ex kuratur "ex officio" tiegħu, Dr. Ronald Conti.

Li l-istess Dr Ronald Conti nomine kien ġie maħruġ barra mill-kawża b'digriet ta' dina l-Qorti tal-15 ta' Diċembru, 1961, għaliex il-konvenut kien ġie Malta, tant huwa hekk, li wara ippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet u ikkontesta l-kawża personalment.

Li, għalhekk, in-notifika tar-riappuntament tal-kawża lil Dr. Ronald Conti saret irregolarment, għaliex, Dr Conti ma kellux aktar ebda rappreżentanza ġuridika tal-konvenut f'dana l-ġudizzju; inoltri, il-fatt li l-konvenut mhux notifikat bir-riappuntament, ma jfissirx li kellha ssir il-proċedura mill-ġdid għal-leġittimazzjoni tal-atti mħabba l-assenza tiegħu minn dawna l-Gżejjer. Infatti dina l-proċedura mhiex aktar meħtieġa, la darba l-konvenut ġie regolarment notifikat bl-att taċ-ċitazzjoni u ippreżenta l-eċċezzjonijiet personalment. Jekk il-konvenut fettillu, waqt il-kawża, jitlaq minn Malta mingħajr ma jħalli persuna li tirrappreżentah, ma jistax ikun intitolat għas-sanatorja tal-proċedura tal-leġittimazzjoni tal-atti, u għalhekk il-kawża tista' tkompli tieħu l-kors tagħha u tiġi

deċiża, mingħajr il-ħtieġa tal-imsemmija notifika. Dana jingħad, ukoll, għaliex il-każi kontemplati fil-Liġi tal-Proċedura meta jista' jiġi nominat kuratur "ad litem", ma jikkomprendux dak ta' bniedem li jkun assenti minn dawna l-Gżejjer, billi l-assenti mhux inkapaċi, u meta jrid jaġixxi jew jiddefendi ruħu jista' jinnomina persuna biex tirrappreżentah (art. 781, 782, 783 Proċ. Ċiv.; u Kollez. XXX, ii, 329);

Ikkunsidrat:

Li t-talba tal-attriċi hija bażata prinċipalment fuq il-kawżali tal-adulterju, swat u sevizi.

L-attriċi fil-fehma ta' dina l-Qorti, ippruvat dawna l-kawżalijiet, biex xhieda tagħha mhux kontestata mill-konvenut, li inqas ma xehed.

Li irriżulta, infatti, li l-konvenut kien jiffrekwenta mara oħra, u li meta kien l-Ingilterra kien qiegħed ma' Ingliża. L-ittri esibiti a fols. 22 u 35 jiddeponu fuq dina t-trexa amoruża tal-konvenut ma' ċerta Pamela; barra minn hekk, il-konvenut, kien jerfa' idejh fuq l-attriċi, u darba xeħtilha "ash tray" u laqgħatha in-naħa ta' widnejha, u għamlilha ħsara fit-tambur. Il-konvenut, inoltri, ried ikollu x'jaqsam ma' martu sodomistikament, u jekk dana ma sarx, kien għaliex l-attriċi kienet timpedih.

Li, mill-istess xhieda tal-attriċi jirriżulta li hija taħdem bħala "barmaid", u li hija konkubinata. Il-fatt li dana qegħda tagħmlu "għaliha u għal uliedha", ma jistax iservi ta' attenwanti anki jekk wieħed jikkunsidra s-suġġerimenti li kien jagħmlilha żewġha biex ilaqqagħha mal-irġiel.

Ikkunsidrat:

Li, għalhekk, it-talba tal-attriċi għandha tiġi milqugħa, iżda għall-ħtijiet reċiproċi tal-kontendenti. U f'dana l-każ il-konvenut, jibqa' tenut iħallsilha l-alimenti; salv dak li jingħad aktar 'il quddiem dwar l-alimenti dovuti lill-uliedu minuri Vincent u Carmelo Borg.

Ikkunsidrat:

Li, skond digriet ta' dina l-Qorti tal-15 ta' Ġunju, 1962 it-tfal minuri tal-kontendenti ġew fdati taħt il-kura ta' Rosina Falzon, bħala misura provviżorja sakemm l-istess tfal ikunu jistgħu jiġu kollokati f'xi Istitut.

Li l-kondotta morali tal-kontendenti hija ta' preġudizzju serju u kontinwu għall-edukazzjoni morali tal-istess minuri; u għalhekk, fl-istess esklusiv tal-minuri, dina l-Qorti hija tal-fehma li ma jibqgħux jabitaw la ma l-imsemmija Rosina Falzon, u anqas mal-ġenituri tagħhom; u għal dana l-fini sejjer jingħata l-provvediment relativ fil-parti deċisiva ta' dina s-sentenza.

Ikkunsidrat:

Li, in kwantu għall-applikazzjoni tal-artikoli 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili, għandu jiġi rilevat, li s-sanzjonijiet u d-dekadenzi kontemplati fl-imsemmija artikoli, huma imħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, jekk jirriżulta, li wieħed u l-oħra mill-partijiet ikun ħatja ta' għemil li jagħti lok għall-firda (art. 60 tal-Kod. Ċiv.).

Li taħt iċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li s-sanzjonijiet tal-imsemmija artikoli, stanti l-ħtija reċiproka tal-adulterju tal-kontendenti, m'għandhom jgħoddu għall-ebda wieħed mill-kontendenti; u għalhekk il-konvenut jibqa' tenut iħallas lill-attriċi l-alimenti fil-miżura tal-mezzi tiegħu skond il-liġi.

Li l-fatti li l-konvenut m'għandux mezzi u mhux qiegħed jaħdem, mhiex raġuni li huwa jista' jġib 'il quddiem biex jiġi esonerat mill-ħlas tal-alimenti lill-atriċi martu, anki jekk dina tkun taħdem u taqla' biex tgħix u tmantni lill-uliedha (Kollez. XXXIV, i,i 60).

Ikkunsidrat:

Li, l-attriċi ma ġiebet ebda prova dwar il-konsistenza taddota, u tal-effetti l-oħra, li hija qegħdatallega li huma tagħha, u għalhekk dina l-Qorti ma tistax tieħu in konsiderazzjoni dina t-talba, anki in vista tal-fatt li ħtija tagħha ma tintitolahix tesiġi dina r-restituzzjoni, billi, kif intqal, il-Qorti ma dehrilhiex li tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet tal-art. 58 tal-Kodiċi Ċivili, billi timponilu l-obbligu li jrodd id-dota lillmartu.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi (1) billi tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja sseparazzjoni personali bejn l-attriċi u żewġha għall-ħtijiet reċiproċi bażati in kwantu għall-attriċi fuq il-motiv ta' adulterju, ta' eċċessi, u ta' sevizi, u tawtorizzahom jgħixu separati minn xulxin; u billi tawtorizza lill-attriċi tagħmel l-attijiet kollha talħajja ċivili mingħajr l-intervenut u l-kunsens ta' żewġha; (2) billi tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut iħallas lillattriċi f'isimha proprju l-pensjoni alimentarja ta' żewġ liri u nofs (£2.10.0d.) fil-ġimgħa fid-dar tal-abitazzjoni tagħha, millum 'il quddiem, (3) tiċħad it-tielet talba, u tordna li t-tfal minuri tal-kontendenti Vincent u Carmelo Borg għandhom jiġu kollokati fl-Istitut ta' San Giuseppe, il-Ħamrun, jew f'Istitut ieħor tal-Karità, li jiġi għal dana l-fini awtorizzat minn dina l-Qorti, fuq talba b'rikors li jista' jsir f'kwalunkwe żmien wara dina s-sentenza, il-kontendenti jkollhom aċċess għall-

imsemmija wliedhom darba fil-ġimgħa u għal tant żmien skond kif jippermettu r-regolamenti tal-Istitut, b'dana li l-konvenut, sakemm uliedu fuq imsemmija jkunu rikoverati fl-istitut, ikollu jgħaddilhom ħmistax-il xelin (15s/-) fil-ġimgħa kull wieħed, liema pensjoni alimentarja għandha tkun imħallsa direttament lid-Direttur tal-Istitut, bil-quddiem minn dik inhar li wliedu jiġu hekk kollokati; iżda sakemm isir dana l-kollokament il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi, għall-imsemmija wliedu minuri, il-pensjoni alimentarja ta' £1.10.0d. fil-ġimgħa, bil-quddiem, mil-lum fid-dar tal-abitazzjoni tagħha; u għal-motiviga fuq indikati, tiċħad ir-raba', il-ħames u s-sitt talba tal-attriċi. L-ispejjeż, stanti ċ-ċirkostanzi jibqgħu mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jibqa' a karigu tal-konvenut.